MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 138/2004

**Pater Finance Co. Ltd. (C22643)**

**vs**

**Felix Grech u martu Michelina Grech**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, u tliet mija u erbgha u tletin liri Maltin (Lm2,334) rapprezentanti import ta' sitta u ghoxrin (26) kambjala, hamsa u ghoxrin ta' Lm88-il wahda u wahda ta' Lm134, debitament accettati u skaduti minn Lulju, 2001, sa' Awissu, 2003, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 26 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-25 ta' Frar, 2004, jammontaw ghal Lm317, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk

tal-Mandat ta’ Qbid ipprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-20 ta’ April, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------